MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 388/2004

**Joseph Sant ID 17448(M)**

**Vs**

**Penza Tarmac Limited, Perit Robert Sant u b'digriet tal-31 ta` Mejju, 2004 giet ordnata l-kjamata fil-kawza l-Awtorita` dwar it-Transport**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Frar, 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigi kkundannati in solidum ihallsuh is-somma ta` disa` mija u ghoxrin lira (Lm920) rapprezentanti kwantu ghal Lm730 ghal sena kera ta` garage alternattiv stante li huwa kien gie pprivat mill-uzu tal-garage tieghu gewwa triq San Guzepp ta` Benniena limiti tal-Mosta minhabba xogholijiet li kienu qed jigu ezegwiti mill-konvenuti fl-istess triq; kwantu ghal Lm60 bhala spejjes ghall-applikazzjoni ta` zvilupp mal-MEPA sabiex jerga` jinbena l-garage tal-attur u kwantu

ghal Lm130 bhala spiza ta` bieb gdid ghall-istess garage flok dak li kien hemm qabel.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 12 ta` Lulju, 2003 u bl-
imghax legali kontra l-konvenuti in solidum li qed jigu ngunti ghas-
subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Perit Arkitett Robert Sant datata 2 ta` Marzu, 2004 fejn eccepixxa li ma hux responsabbli ghad-danni mitluba.

Ra r-risposta tas-socjeta` Penza Tarmac Limited datata 2 ta` April, 2004 fejn preliminarjament eccepixxa li ma kienx il-legittimu kontradittur u kwindi kellha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok li t-talba kienet eccessiva. B'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi l-Awtorita` dwar it-Transport li giet imsejha bhala parti fil-kawza permezz ta` digriet datat 31 ta` Mejju, 2004 baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talbiet attrici nonostante li kienet giet debitament notifikata b'dawn il-proceduri nhar l-1 ta` Lulju, 2004.

Ra l-provi kollha migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mhux kontestat li x-xogholijiet f'Burmarrad road, fejn l-attur kellu l-garage tieghu kienu qed jigu ezegwiti mis-socjeta` Penza Tarmac fuq inkarigu lilha moghti mill-Awtorita` kjamata fil-kawza ADT li baqghet kontumacja. Il-konvenut Perit Sant kien gie imqabbad biex jissorvelja dawn ix-xogholijiet fl-interessi tal-ADT ghalkemm kien jigi mhallas mill-kuntrattur Penza u dana ai termini tat-tender relattiv.

Illi fil-kors tax-xogholijiet ezegwiti fl-imsemmija triq irrizulta li l-livell tal-istess triq kienet gholiet b'xi tliet filati bil-konsegwenza li l-access ghal garage mikri lill-attur kien qed jigi ostakolat. Kienu gew suggeriti diversi soluzzjonijiet ghal tali problema fosthom li jifthu l-access minn wara jew li ssir rampa jew li jghollu l-livell tal-art u saqaf. Kien gie propost ukoll li jitwaqqa` il-garage u jinbena iehor bl-iskuzanti li kien jinsab fil-periklu. Pero` li gara kien illi meta l-Perit konvenut Sant kien ghadu f'diskussjonijiet mal-MEPA dwar il-futur ta` dan il-garage, innota li dan kien gia` twaqqa` minghajr m`gharfuh, x'aktarx b'insistenza mis-sid li sab il-kollaborazzjoni tas-socjeta` Penza Tarmac. Difatti meta l-Perit konvenut gie a konjizzjoni ta` dan l-akkadut mill-ewwel esprima ruhu fis-sens kif riportat mill-istess attur li "jiena u l-kuntrattur konna hawwadna d-dinja". Tista` tghid minn dan il-mument il-quddiem il-Perit konvenut ma riedx ikollu aktar x'jaqsam ma` din il-kwistjoni partikolarment meta rrizulta li l-garage l-gdid kien ser jinbena akbar minn dak li kien twaqqa` - kwindi problema ulterjuri sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tal-MEPA. Fil-fatt il-garage il-gdid kellu jerga` jitwaqqa` sabiex jinbena iehor skond il-qisien originali u skond il-permessi tal-MEPA.

Il-garage twaqqa` ghal habta ta` Awissu, 2002 - l-applikazzjoni mal-MEPA dahlet f'Ottubru, 2002 - u l-permess hareg f'April, 2003.

Illi l-attur qed jippretendi Ii jigbor lura l-kirjiet ta` garage alternattiv minnu mikri bir-rata ta` Lm2 kuljum ghal perjodu ta` sena minn meta twaqqa` l-garage tieghu sakemm rega` inbena mill-gdid. Qed jitlob ukoll li jithallas ta` bieb gdid ta` barra stante li dak li kien hemm qabel ghosfor u kif ukoll l-ispejjes tal-applikazzjoni tal-MEPA. L-ircevuti relattivi ghal hlas tal-kirjiet u tal-ispejjes tal-MEPA gew ipprovati permezz tad-dokumenti esebiti pero` l-ispiza tal-bieb ta` barra baqghet ma ngabet ebda prova dokumentarja dwarha.

Illi ghakemm huwa minnu li l-attur gie affaccjat bi problema ta` access ghal garage tieghu u kwindi kien gustifikat legalment li jitlob ghal refuzjoni ta` kirja

alternattiva pero` daqstant iehor, l-attur kien obbligat mhux biss li jimminimizza d-danni izda wkoll li jassigura ruhu li certi spejjes zejda ma jgibhomx b'idejh.

L-attur kien konsapevoli tal-fatt illi x-xogholijiet kienu qed jigu ezegwiti minn Penza a bazi ta` tender moghtija lilu mill-Awtorita` dwar it-Transport - kwindi kien imissu mill-bidu nett intavola u dderiga l-pretenzjonijiet tieghu odjerni kontra din l-Awtorita` u mhux li jdahhal fix-xena persuni ohra li m`ghandhom ebda relazzjoni legali mieghu dwar tali talbiet.

Fit-tieni lok jinghad illi il-garage in kwistjoni ma damx aktar minn ftit xhur sabiex jitwaqqa` u jerga` jinbena mill-gdid. Inoltre bejn l-applikazzjoni u l-hrug tal-permess ghaddew biss xi sitt xhur. Illi jigi osservat li l-attur spicca biex dam kwazi sena barra peress illi rrizulta li fuq instruzzjonijiet tieghu, il-garage kien twaqqa` u ttella` iehor bla permess u akbar minn kif kien qabel. Minhabba tali trasgrezzjoni, l-MEPA kienu waqqfu x-xoghol fuq il-garage (vide xhieda tal-Perit Stewart Azzopardi) u difatti Carmelo Penza stess jikkonferma li damu weqfin ghal diversi xhur minhabba tal-MEPA.

Illi ghalhekk in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, filwaqt li l-konvenuti Perit Robert Sant u Penza Tarmac Limited ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m`ghandhomx jitqiesu bhala legittimi kontraditturi fil-konfront tat-talbiet attrici, issib li l-Awtorita` dwar it-Transport ghandha tirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tax-xogholijiet ezegwiti fuq instruzzjonijiet taghha gewwa Burmarrad road. Illi fl-istess hin pero` l-Awtorita` imsejha fil-kawza m`ghandhiex tirrispondi ghal dawk id-danni li setghu jigu evitati facilment jew inkella ghal danni kkagonati minhabba l-agir da parti tal-istess attur innifsu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati miz-zewg konvenuti u kwindi jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju; jiddikjara li l-Awtorita` dwar it-Transport imsejha fil-kawza ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-

attur, kwindi jilqa` it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamata fil-kawza u ghar-ragunijiet gia` fuq esposti qieghed jillikwida l-istess danni fl-ammont ta` tliet mija u hamsa u sittin lira (Lm365) kalkolati fuq ir-rata ta` sitt xhur kera cioe` iz-zmien kemm dam ma` johrog il-permess tal-MEPA mid-data tal-applikazzjoni tieghu oltre sittin lira spejjes ghall-istess applikazzjoni u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-Awtorita` kjamata fil-kawza thallas lill-attur is-somma komplessiva ta` erba` mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm425) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jithallsu mill-istess socjeta` kjamata fil-kawza hlief ghal dawk taz-zewg konvenuti li l-ispejjes taghhom ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------